

**Brussell, 26 ta' Mejju 2025
(OR. en)**

9215/25

Fajl Interistituzzjonal:
2025/0077 (COD)

**CODEC 648
EF 160
ECOFIN 582
PE 25**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tar-rekwiżiti għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli skont il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mill-21 sat-22 ta' Mejju 2025)

I. INTRODUZZJONI

Wara li l-plenarja tal-Parlament Ewropew approvat it-talba mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) biex jiproċedi skont l-Artikolu 170 (Proċedura urgjenti) fis-6 ta' Mejju 2025, il-gruppi Ix-Xellug, l-Alleanza tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi (S&D) u l-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea (EFA) ressqu għaxar emendi.

Fit-30 ta' April 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar il-mandat¹ għal negozjati mal-Parlament Ewropew abbażi tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni mingħajr emendi bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari.

¹ 8201/25

II. VOT

Il-Parlament Ewropew adottal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-22 ta' Mejju 2025 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni u rrifjuta l-emendi kollha mressqa. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun fpożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness ma' dan, u b'hekk jingħalaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att imbagħad ikun adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

P10_TA(2025)0111

Emenda tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli skont il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tar-rekwiżiti għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli skont il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett (COM(2025)0146 – C10-0059/2025 – 2025/0077(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0146),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżzentat il-proposta lill-Parlament (C10-0059/2025),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Mejju 2025¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' April 2025²,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 170 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

² Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Mejju 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli skont il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħha lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja³,

¹ Opinjoni tat-2 ta' Mejju 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Opinjoni tad-29 ta' April 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2025.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ introduċa fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² ir-rekwiżit tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett (NSFR) għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dak ir-rekwiżit irrifletta parti mill-istandardi ta' Basel III miftiehma mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS), li ġew żviluppati biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom finanzjament stabbli suffiċjenti fuq perjodu ta' sena, u b'hekk tiġi evitata diskrepanza eċċessiva fil-maturità bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet u dipendenza jezda fuq finanzjament bl-ingrossa fuq terminu qasir. Ir-rekwiżit tal-NSFR ilu applikabbli mit-28 ta' Ġunju 2021.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/876/oj>).

² Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenziali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj>).

- (2) L-Artikolu 428r(1), il-punt (g), l-Artikolu 428s(1), il-punt (b), u l-Artikolu 428v, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħalissa jipprevedu l-fatturi ta' finanzjament stabbli għall-flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament ma' klijenti finanzjarji, meta dawk it-tranżazzjonijiet ikollhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur. Dawk il-fatturi ta' finanzjament huma, skont it-tranżazzjoni ta' finanzjament ikkonċernata, 0 %, 5 % jew 10 %. Madankollu, l-Artikolu 510(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jipprevedi li, sat-28 ta' Ġunju 2025, dawk il-fatturi ta' finanzjament għandhom jiżdiedu għal 10 %, 15 % u 15 %, rispettivament. Dik iż-żieda differita kellhal-għan li tagħti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu biżżejjed żmien biex jadattaw gradwalment għal kalibrazzjoni aktar konservattiva u biex jivvalutaw jekk dik il-kalibrazzjoni kinitx xierqa. Minbarra dik iż-żieda differita, ġew adottati aġġustamenti oħra biex jiġi żgurat li l-introduzzjoni tar-rekwiżit tal-NSFR ma tfixkilx il-likwidità tas-swieq kollaterali relatati, inklużi s-swieq tal-bonds sovrani.

- (3) Skont l-Artikolu 510(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA) stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, ingħatat il-mandat li tivvaluta l-adegwatezza tat-trattament tal-finanzjament stabbli meħtieġ biex ikopri r-riskju ta' finanzjament marbut ma' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFTs) u ma' tranżazzjonijiet mhux garantiti ma' klijenti finanzjarji fejn dawk l-SFTs jew it-tranżazzjonijiet mhux garantiti jkollhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur. F'konformità ma' dak il-mandat, l-EBA ppreżentat rapport dwar aspetti speċifiċi tal-qafas tal-NSFR fis-16 ta' Jannar 2024. Dak ir-rapport ikkonkluda li ż-żieda fil-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li japplikaw għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 428r(1), il-punt (g), l-Artikolu 428(s), il-punt (b) u l-Artikolu 428v, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikollha impatt negliġibbli fuq il-livelli tal-NSFRs tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Madankollu, dak ir-rapport ma vvalutax id-dimensjoni usa' jew l-effetti konsegwenzjali rigward il-likwidità tas-swieq tad-dejn sovran u l-effetti fuq is-swieq tal-bonds sovrani. Għalhekk, il-kunsiderazzjonijiet li jiġġustifikaw id-differiment taż-żieda fil-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ, kif previst fl-Artikolu 510(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikomplu jipprevalu. B'mod partikolari, peress li l-biċċa l-kbira tal-SFTs huma kollateralizzati minn strumenti ta' dejn sovran, żieda fil-finanzjament stabbli meħtieġ relata tista' tnaqqas il-likwidità fis-swieq ikkonċernati. Dan jista', min-naħħa tiegħu, jirriskja li joħloq kostijiet ta' finanzjament addizzjonali għall-Istati Membri u jbiddel il-mekkaniżmi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj>).

- (4) Barra minn hekk, ġuriżdizzjonijiet oħra membri tal-BCBS stabbilew livelli ta' fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ għal SFTs li huma identiċi għal dawk li huma applikabbi bħalissa skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013. F'dak il-kuntest, minħabba l-kompetizzjoni internazzjonali intensa fis-suq tal-SFT, iż-żieda fil-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ sat-28 ta' Ġunju 2025 toħloq kundizzjonijiet internazzjonali mhux ekwi li jkunu ta' detriment għas-swieq finanzjarji tal-Unjoni.
- (5) Sabiex jiġu evitati dawk il-konsegwenzi mhux intenzjonati, il-fatturi ta' finanzjament stabbli attwali għal SFTs u għal tranżazzjonijiet mhux garantiti ma' klijenti finanzjarji, fejn tali tranżazzjonijiet ikollhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur, jenħtieġ li jsiru permanenti.
- (6) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ suffiċjenti tal-interazzjonijiet bejn ir-rekwiżiti ta' finanzjament stabbli u l-likwidità tas-suq tal-assi riċevuti bħala kollateral f'SFTs u ta' tranżazzjonijiet mhux garantiti ma' klijenti finanzjarji, fejn tali tranżazzjonijiet ikollhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur, inkluż meta jkunu kollateralizzati minn dejn sovran, ir-riskju ta' finanzjament għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, u żviluppi internazzjonali possibbli f'dak il-qasam, jenħtieġ li l-EBA tibgħat rapport lill-Kummissjoni kull ħames snin dwar l-adegwatezza ta' dawk ir-rekwiżiti ta' finanzjament stabbli.

- (7) It-twaqqif temporanju tat-trattament prudenzjali għall-flejjes dovuti minn SFTs u għal tranżazzjonijiet mhux garantiti ma' klijenti finanzjarji, b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur, joħloq inċertezza legali għall-parteċipanti fis-suq u piż amministrattiv u finanzjarju żejjed għas-settur bankarju tal-Unjoni b'mod ġenerali li jista' jittaffa billi tiġi stabbilita b'mod ċar id-data mistennija tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' dak it-trattament prudenzjali, jenħtieġ li dan ir-Regolament emendantorju jibda japplika mid-29 ta' Ġunju 2025.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013

L-Artikolu 510 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-EBA għandha timmonitorja l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ biex ikopri r-riskju ta' finanzjament marbut ma' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, inklużi lill-assi riċevuti jew mogħtija f'dawk it-tranżazzjonijiet, u ma' tranżazzjonijiet mhux garantiti ma' klijenti finanzjarji, fejn tali tranżazzjonijiet ikollhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur. L-EBA għandha tibgħat rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2029, u kull ħames snin wara dan, dwar l-adegwatezza ta' dak ir-rekwiżit ta' finanzjament stabbli. Filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi internazzjonali u t-trattament regolatorju ta' tranżazzjonijiet simili f'ġuriżdizzjonijiet oħra, dawk ir-rapporti għandhom jivvalutaw bħala minimu:”;

(b) il-punti (d) u (e) huma sostitwiti b'dan li ġej:

- “(d) l-adegwatezza tat-trattament asimetriku bejn obbligazzjonijiet b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur ipprovduți minn klijenti finanzjarji li jkunu soġġetti għal fattur ta' finanzjament stabbli disponibbli ta' 0 % f'konformità mal-Artikolu 428k(3), il-punt (c), u l-assi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur ma' klijenti finanzjarji li jkunu soġġetti għal fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ ta' 0 %, 5 % jew 10 % f'konformità mal-Artikolu 428r(1), il-punt (g), mal-Artikolu 428s(1), il-punt (b), u mal-Artikolu 428v, il-punt (a);
- (e) l-impatt tal-introduzzjoni ta' fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ ogħla jew aktar baxxi għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, b'mod partikolari b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur, ma' klijenti finanzjarji, fuq:
- (i) l-istruttura tal-prezzijiet ta' dawk it-tranżazzjonijiet; u
 - (ii) il-likwidità tas-suq ta' assi riċevuti bħala kollateral f'dawk it-tranżazzjonijiet, b'mod partikolari ta' bonds sovrani u korporattivi;”;

(2) il-paragrafi 7 u 8 jitħassru.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-29 ta' Ġunju 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President